MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 445/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sharon Tanti]**
**Vs**
**Matthew Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Matthew Borg, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fit-2 ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, fil-Gzira, fil-Hamrun u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda :

1. B'għemil zieni ikkorrompa lil Donna Pace ta' erbatax-il-sena, liema delitt sar b'theddid jew b'qerq.
2. Aktar akkuzat talli, biex jissodizfa z-zina ta' haddiehor, hajjar ghall-prostituzzjoni lil Donna Pace, persuna ta' taht l-eta jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghen jew iffacilita din il-porstituzzjoni jew korruzzjoni, u dan bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh.

3. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, zmien u cirkostanzi, ghex ghal kollox jew f'parti fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Donna Pace meta din ghada ma ghalqitx l-eta ta' 18 il-sena.

4. Akkuzat ukoll talli, sar recediv b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad- 9 ta' April, 2001 u 7 ta' Marzu, 2005 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti sabet lil appellant ħati tal-ewwel akkuza minghajr l-aggravju tal-qerq, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha illiberatu stante li hija alternattiva tal-ewwel akkuza, ħati tat-tielet akkuza minghajr l-aggravju tal-qerq, u wara li rat l-artikoli 18, 203(1), 204(1), l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lil qua appellant ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn u nofs illi minnu ried jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat serva taht arrest preventiv. In iltre ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat a favur Donna Pace u l-familja taghha, għal perjodu ta' tliet snin, bil-kondizzjoni li l-qua appellant ma jkellimx, ma javvicinax u ma jimmolestax lil Donna Pace u lil familja taghha. Di piu` il-Qorti irrakkomandat illi l-imputat jibda u jispiċċa Programm ta' Riabilitazzjoni kontra d-droga fl-Istituzzjonijiet addetti mal-istess Facilita`.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Ottubru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata filwaqt illi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u raba` akkuza, tirriforma s-sentenza billi tilliberah mill-ewwel (1) u t-tieni (2) (din għandha tinqara t-tielet flok it-tieni) [1] akkuza u fin-nuqqas f'kaz illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 203(1) minghajr l-aggravju tat-203(1)(b) u l-artikolu 204(1) minghajr l-aggravju tal-qerq kif indikat fis-sentenza appellata, minhabba c-crikustanzi partikoluri ta' dan il-kaz inkluz li llum l-appellanti huwa persuna riformata, li ghandu impjieg fiss u li qieghed f'relazzjoni sabiex jibni familja, il-Qorti ghandha taghti piena inqas oneruza minn

[1] Ikkoreġuta matul is-seduta tal-5 ta' Ġunju 2012.

dik moghtija lilu mill-Ewwel Onorabbli Qorti tenut kont tal-fatt ukoll li l-appellanti diga` skonta bhala arrest preventiv perjodu ta' cirka disa` (9) xhur.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellant Matthew Borg li huma is-segwenti :
Ikkunsidrat :
1. Illi b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti din il-Qorti hija mitluba li f'dan il-kaz partikolari tissindika sew il-provi ghaliex jezistu punti importanti li jwasslu ghall-konvinciment morali fuq bazi ta' probbabilita li l-kredibilita` ta' l-appellanti hija wahda li ghandha twassal lil-gudikant fuq bazi ta' probabilita` dak li qed jghid l-appellanti kif korroborat mill-istess ommu Miriam Borg ;
2. Illi dwar l-akkuza li taqa' taħt l-artikolu 204(1) il-Qorti kellha tiżen sew il-fatt illi x-xhud Donna Pace kienet qegħda diġa` tgħix f'ambjent imkisser bi droga fil-familja, b'ommha li tipprostitwixxi ruħha u għalhekk ma kellu ikun xejn sorpriz l-appellant kif spjega fix-xhieda tieghu sab ruhu f'dan l-ambjent mingħajr ma hu kellu kontroll fuq dak li effettivament għamlet ix-xhud Donna Pace. Ghalhekk il-fatt li l-Pulizija ghamlet enfazi fuq sejba ta' kontraċettivi fuq sejba, li kienu fil-pussess ta' Donna Pace ma kellhiex tkun sorpriza kif il-kaxxa kienet fil-karozza ta' l-istess appellant ! L-appellant ħallas prezz sew b'din ix-xibka li nqabad fiha tant li fid-disa` xhur li dam taħt arrest preventiv sa anke ġie mhedded minn missier Donna Pace li qed jiskonta sentenza ta' habs fuq qtil. Il-Qorti kellha tezamina dan kollu u mhux qisu ma gara xejn ;
3. Illi l-istess jinghad il-fatt li meta gie interrogat l-appellanti ghalkemm huwa ghazel gustament, bi dritt li ma jwegibx ghad-domandi li qed isirulu waqt l-interrogazzjoni ma nghatax ukoll id-dritt ta' konsultazzjoni ma' Avukat ta' fiducja tieghu. Mhux hekk biss, izda biex jippruvaw jinpressjonaw l-Ewwel Qorti l-prosekuzjoni ingustament u kontra kull regola fil-proceduri fil-Kamp Kriminali u bi ksur tad-drittijiet ta' smiegh xieraq sa rrimarkat paragrafu partikolari fin-nota ta' trattazzjoni fejn qalet hekk 'Meta Matthew safa arrestat mill-pulizija dakinhar tat-2 ta' Mejju, 2006, din ma kienitx l-ewwel okkazzjoni li Matthew xellef

difru mal-gustizzja. Matthew Borg, fl-eta` ta’ 19- ilsena, kien diga ghadda mill-process ta’ interrogazzjoni, arrest u proceduri kirminali sa minn sentejn qabel’ ;

4. Illi b’kull rispett mis-sentenza Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jirrizulta ampjament u allura l-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant ghamel kull sforz sabiex joħroġ mill-problema tad-droga tant li anke jahdem full time b’mod regolari liema xoghol huw akien gia sab fuq l-istess direzzjoni tal-Ewwel Qorti u li ghadu sal-llum tant li huwa qed jigi kkunsidrat ghall-promozzjoni fl-istess post tax-xoghol u b’kull rispett ma haditx dan inkonsiderazjoni meta rrimarkat fid-decide taghha ‘di piu l-Qorti tirrakomanda illi l-imputat jibda u jispicca programm ta’ riabilitazzjoni kontra droga f’istituzzjoni adett mal-istess facilita’ meta l-istesws Qorti jirrizulta illi a fol 15 tal-process kien intalab permess sabiex imur jahdem mal-Catering Enterprises Floriana, fir-restaurant ‘Lo Squero’ kif indikat a fol 45 minn Dr. Edward Gatt, a fol 83 talba sabiex l-appellant isegwi kors MCAST, a fol 140 trattazzjoni tas-sottoskrit fejn l-istess appellanti ta’ l-fakulta’ sabiex isirulu *urine tests* sabiex juri l-ħeġġa li jkun kompletament imnaddaf mid-droga kif sar b’mod regolari u ghajr ghal xi okkazzjoni wahda huwa dejjem kien negative.

5. Illi anke dwar prova importanti li rtaghha irrelata l-espert Martin Bajada dwar l-messaġġi li gew skambjati bejn l-appellant u l-istess Donna Pace ma jirrizultax l-anqas kelma wahda li twassal li kien hemm prostituzzjoni għaddejja bejniethom, din il-prova xjentifika l-Ewwel Qorti anqas biss ghamlet referenza ghaliha ghalkemm indikat b’mod car mill-istess appellanti fin-nota ta’ osservazzjoni tiegħu.

6. Salv aggravji ohra inkuzi punti ohra ta’ fatti li jigu trattati waqt is-smigħ ta’ dan l-appell.

Ikkunsidrat,

Illi prattikament l-aggravji kollha jistgħu jinġabru f’wieħed. Dan huwa apprezzament mill-ġdid tal-provi.

Illi din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm il-Qorti tkun setgħet tasal għal din id-deċiżjoni raġjonevolment u legalment.

Kif intqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Omissis’ (Qorti tal-Appell Kriminali 5 ta’ Ġunju 2003) ‘

'Issa gie dejjem ritenut li din il-Qorti bħala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda tagħmel eżami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konklużjoni li tkun waslet għaliha b'mod 'safe u satisfactory'. Kif ġie ritenut minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "R. vs. Cooper" [1969] 1 QB 276 :-

"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .." (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991) , p.1392)

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda ewlenin tal-proċess. Xehdet l-allegata vittma Donna Pace (fol 20 et) li kienet tmur l-iskola sekondarja tal-Hamrun meta seħħew l-inċidenti fis-sena 2006. Hija kellha erbatax-il sena (fol 28 u 44 – ara iċ-ċertifikat tat-twelid li juri d-data 21 ta' Settembru 1991). A fol 23 jirriżulta li l-appellant kien talab lil Donna Pace biex tipprostitwixxi ruħha tliet darbiet u fit-tielet darba wieġbet li kien lesta li tipprostitwixxi ruħha. Dwar flus, dan kien bejn Lm10, Lm15 jew Lm20. Il-flus kellha ittihom lilu (fol 24). U hekk kienet tagħmel malli tlesti. Qabel iltaqgħet mal-Pulizija kienet ilha tmur il-Gżira xi tliet ġimgħat u kien jeħodha l-appellant. Kienet tieħu l-condoms magħha li jew kienet tixtihom hi jew jagħtiholha l-appellant. Meta kienu joħorġu kien iħallas kollox hu. Il-parrokka li kienet tilbes kienet tkun fil-karozza ta' Matthew. Hija kellha x'taqsam sesswalment mal-appellant darba biss. Hija qatt ma kellha x'taqsam sesswalment ma' ħadd ieħor. Meta sabuha l-pulizija hija armiet il-condoms fl-art. L-appellant kien oġġezzjona magħha li hija kienet semmiet ismu mas-surmast tal-iskola (fol 33). Hija kienet aċċettat li tipprostitwixxi ruħha biex tibqa' toħroġ miegħu.

Fil-kontro-eżami hija qalet li kienet ilha taf lil ċertu Max. Kienu joħorġu flimkien bħala ħbieb biss. (fol 36 u 37). Ma' ġuvintur oħra ma kienx hemm l-istess intimita' li kellha ma'

Max. Kien mal-appellant li x-xhud kellha x’taqsam għall-ewwel darba. Lill-appellant ġieli qaltlu li kienu ser jaqfluha f’istitut u missierha kien għamel rikors il-Qorti għal dan il-għan. It-tmien aħwa ħutha kienu għadhom id-dar bi tlieta jkunu fostered. (fol 41).
Xehdet ukoll l-Ispettur Sharon Tanti. Hija qalet li Donna Pace kienet qegħda l-Gżira għall-prostituzzjoni u li kienet tgħaddi l-flus lill-appellant. Meta marru d-dar ta’ Donna Pace kien ġie Matthew Borg ifittixha. Donna Pace kienet qalet lix-xhud li kien l-ewwel darba li ma’ Matthew Borg kienet l-ewwel darba li kellha x’taqsam ma’ raġel.

Fiż-żewġ stqarrijiet, li t-tnejn saru fit-3 ta’ Mejju 2006, Matthew Borg ma weġibx għad-domandi kif kellu kull dritt li jagħmel. (fol 54 – 57).

Xehed ukoll PS 225 Joe Filletti (fol 72 – 74). Huwa qal li kienu waqqfu lil Donna Pace ġewwa l-Gżira u sabulha tmien condoms flimkien ma’ Lm5 u parrokka. Hija qalet li l-appellant kien iniżżilha l-Gżira b’Toyota ħamra. Huwa esibixxa l-mobile tal-appellant.
Din ix-xhieda hija korroborata b’dik li tat il-Maġġur Josephine Gauci a fol 206. L-istess xhud qalet li Donna Pace kellha full sexual intercourse mal-appellant. (fol 208) iżda mal-irġiel ma kinitx tagħmel dan. Kien l-appellant li ħajjarha tibda tipprostitwixxi ruħha u kienet ittih il-flus kollha. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li wara dan il-każ ma reġgħux kellhom każijiet oħra ma’ Donna Pace.
Kienu wkoll esibiti l-istqarrijiet ta’ Donna Pace li saru fit-3 ta’ Mejju 2006.
A fol 132 et kienu esibiti żewġ sentenzi, waħda tas-sena 2001 u l-oħra tas-sena 2005 li kienu t-tnejn liberatorji b’kundizzjoni u għalhekk ma jistgħux jitqiesu għar-reċidiva.
A fol 142, Martin Bajada ppreżenta r-relazzjoni tiegħu.
L-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali jinsabu a fol 214.

**Xhieda Difiża**

L-appellant xehed a fol 221 fl-20 t’April 2009. Huwa qal li meta kienu rawh il-pulizija ħdejn id-dar ta’ Donna Pace huwa ma kienx telaq jiġri. Anzi huwa kien tahom il-partikolaritajiet tiegħu. Donna Pace riedet toħroġ miegħu iżda hi kienet għadha żgħira. Huwa ammetta li kien mar xi

darbtejn magħha iżda kien beda jibża' u għlahekk kien jieħu protezzjoni. (fol 223). Omm Donna Pace kienet talbitu jieħu ħsieb it-tfal. Meta ġieli kienet tatu xi flus, hi kienet tgħidlu li dawn kienet tathomlu ommha biex joħorġu bihom. Huwa ċaħad li kien qalilha biex tipprostitwixxi ruħha jew li taha xi parrokka (fol 224) . Huwa spiċċa bi problema bid-droga għax hu kien jagħmilha ma' ommha li kienet tieħu d-droga. Ommu kienet tgħidlu biex kemm jista' jkun jieħu ħsieb it-tfal. Missier Donna Pace kien jinsab fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u kien jheddu (fol 227).
Fil-kontro-eżami x-xhud qal li dak iż-żmien huwa kellu dsatax-il sena. Huwa kkonferma li l-kaxxa tal-kontraċettivi kien fiha għaxra (fol 229). Huwa kien jgħid lil Donna Pace biex tmur l-iskola. Weekend qabel qabduh il-Pulizija huwa kien għarraf lil Donna Pace li ma riedx ikompli magħha għax ma kellux futur. (fol 230). Iżda huwa baqa' joħroġ magħha iżda mhxu bis-serjeta'. A fol 233 huwa ta xi dettalji dwar ir-relazzjoni sesswali. Huwa kien jixtri l-condoms biex ma jkunx hemm kuntatti (fol 234) u Donna Pace kienet tispjegalu xi tkun għamlet ma' ħadd ieħor. (fol 234). Hija kienet missitu b'idejha.
Xehdet ukoll omm l-appellant Miriam Borg a fol 241 et. Hija qalet li saru jafu li missier Donna Pace kien il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin iżda kienu lesti li jilqagħuha kif inhi. Donna Pace kienet qaltilha biex trabbiha hi. Kien binhom stess li għarraf lill-Pulizija li kien qed joħroġ ma' din it-tfajla. Din kienet ammettiet li għamlet ħsara fil-karozza ta' Matthew. L-allegta vittma kompliet tmur qrib id-dar tagħhom billi taparsi daħlet għarusa lil wieħed li joqgħod faċċata tagħhom. Binhom imbagħad beda jeiħu d-droga.
Ikkunsidrat
Barra dawn ix-xhieda l-Qorti rat ukoll in-Noti ta' Osservazzjonijiet magħmulin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża (fol 249 et). Il-Qorti qed tirreferi b'mod partikolari għall-paragrafi numru 12 u 14 fejn l-abbli Difensur jissottometti :

'Illi prattikament jidher ċar li meta wieħed jaqra l-proċess jifhem li l-imputat inqabad f'morsa ġo familja mgħobbija inkwiet kbir fosthom dorga li hu stess spiċċa vittma tagħha

minħabba l-istess omm l-allegata vittma li kienet tieħu d-droga fil-preżenza tat-tfal.’ (fol 251).
U
F’paragrafu 14 :

‘Illi mir-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada, imkien ma jirriżulta mit-traskrizzjoni tal-sms xi messaġġ mibgħut mill-imputat Matthew Borg lil allegata vittma li fihom xi referenza għall-prostituzzjoni.’

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**
**L-ewwelnett il-Qorti qed tiddikjara li mhix qed tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq xi stqarrijiet li għamel l-appellant lill-Pulizija jew fuq xi konsiderazzjoni li semmiet il-Prosekuzzjoni fin-Nota tal-Osservazzjonijiet li kienet ippreżentata quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada ma tistax tinġibed xi konklużjoni dwar il-ħtija tal-appellant.**
**Il-Qorti qed tikkonċentra b’mod speċjali fuq dak li qalet l-allegata vittma u dak li xehed l-appellant għax wara kollox dawn huma provi diretti li huma legalment aċċettati.**
Il-Qorti ma hi qed tara ebda raġuni għala għandha temmen il-verżjoni tal-appellant aktar minn dik tal-allegata vittma. L-allegata vittma hija kredibbli waqt li dik tal-appellant m’hi kredibbli xejn. Jekk l-appellant kien jaf li l-allegata vittma kienet għadha tifla tal-iskaola ta’ erbatax-il sena jmissu qagħad aktar attent. Bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti hija konvinta li kien l-appellant li ħajjar lill-allegata vittma għall-prostituzzjoni. Mhux difiża li wieħed iwaħħal kollox fl-isfond familjari tal-vittma. Dak iż-żmien l-appellant kellu 19—il sena – jiġifieri kien ħames snin akbar mill-vittma. Ħames snin f’dik l-eta’ jgħallmu għax hemm qabża kbira fil-maturita’ li wieħed ikollu ta’ 14-il sena u meta wieħed jagħlaq id-dsatax.
L-appellant ipprova jnaqqas ukoll il-gravita’ tar-relazzjoni sesswali. Iżda wkoll hawn il-Qorti ma temmnux u, f’dak li qal, hemm altru milli biżżejjed biex wieħed jinstab ħati ta’ korruzzjoni tal-minorenni. L-ewwelnett it-tħajjir għall-prostituzzjoni ta’ tifla ta’ 14-il sena diġa’ jammonta għall-korruzzjoni u t-tieni l-affarjiet marru oltre dan. Il-Qorti

hawn qed tħalli d-dettalji barra għax ma tħossx li hu xieraq li dawn jingħataw. Wara kollox, bħalma ntqal fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Thomas Wiffen' tat-8 ta' Jannar 1996 (Appell Kriminali Inferjuri) :

***'Lewd acts are all those acts 'diretta ad eccitare la propria concupisenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cuis er cerca li provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza' (Manzini V. op.cit 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act.'***

Id-difiża għafset ħafna fuq il-punt tal-isfond tal-familja u li l-allegata vittma ġieli ħarġet ma' ċertu Max. Mill-atti tal-proċess ma jirriżultax li l-allegata vittma għamlet dak li waslet biex tagħmel mal-appellant. Tassew li hemm ġurisprudenza li tgħid li jekk minuri jkun diġa' korrott, allura l-korruzzjoni ma tistax isseħħ. Mhux il-każi Maltin jaqblu ma' dan il-punto di vista. Biss fil-każ odjern, il-Qorti mhix tara kif tista' tapplika dan il-prinċipju. U hawn il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-20 ta' Marzu 1989 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Spiteri'.

***'L-artikolu 203 jirrikjedi fost affarijiet oħra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri.***

***Huwa minnu li jistgħu jinqalgħu każijiet fejn is-suġġett passiv tar-reat, minħabba ħajja dedikata għal-luxxurja u għall-pjaċir sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li diffiċilment wieħed jsita' jimmaġina kif jsita' jiġi ulterjorment korrott iżda hu ċert ukoll li esperjenza preċedenti mhux neċessarjament teskludi li possibilita' li jkun hemm korruzzjoni.'***

Il-każ li għanha llum kien ta' tifla tal-iskola ta' erbatax-il sena li qalet li l-ewwel esperjenza li fiha kellha x'taqsam ma' raġel kienet dik mal-appellant ukoll jekk, skont l-appellant, hi kienet tgħidli x'għamlet ma' ħadd ieħor. Fil-proċess il-Qorti ma ratx dawk l-estremi li kien hemm f'każi oħra ta' korruzzjoni fejn kienet applikata d-duttrina msemmija aktar 'il fuq. Familja bi sfond diffiċli u / jew ħruġ ma' ġuvni ieħor mhumiex elementi legalment biżżejjed biex Qorti tagħżel li tapplika tali duttrina.

**Konklużjoni**
Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi billi qed tiċħad l-aggravji kollha tad-difiża li, bħalma diġa' ntqal, jistgħu jinġabru f'aggravju wieħed u qegħda tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Matthew Borg' tal-20 t'Ottubru 2011 fl-intier tagħha., jiġifieri kemm fejn illiberat u kemm fejn sabet ħtija kif ukoll fejn ma sabitx li kien hemm il-gravanti tal-qerq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------